

Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 <sup>(1)</sup> sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod eċċessiv li jeżisti ksur uniku u kontinwu.

Skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, l-appellanti ma pparteċipawx matul il-perijodu preżunt kollu tal-ksur fl-aġir antikompetittiv f'dak li jirrigwarda l-oqsma kollha tal-prodotti. Madankollu, l-ammont tal-multa kkonfermat mill-Qorti Ġenerali għe kkalolat abbażi tad-dħul mill-bejgħ tal-oqsma kollha tal-prodotti għall-perijodu preżunt kollu tal-ksur.

Bis-sitt aggravrju, l-appellanti jsostnu ksur tal-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta assumiet li l-appellanti kienu jiffurmaw unità ekonomika u, għaldaqstant, żbaljat fil-liġi meta inkludiet id-dħul mill-bejgħ tal-ewwel appellanti fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, minkejja li l-appellanti kienu spjegaw għalfejn it-tieni appellanti ma kinitx teżerċita influwenza determinanti fuq l-ewwel appellanti, u b'hekk għet ikkonfutata l-preżunzjoni ta' unità ekonomika adottata mill-Qorti Ġenerali.

Bis-seba' aggravrju, l-appellanti jsostnu li l-kalkolu tal-ammont tal-multa huwa żbaljat fid-dawl tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, għaliex il-Qorti Ġenerali inkludiet b'mod żbaljat fl-imsemmi kalkolu d-dħul mill-bejgħ ta' ex sussidjarja tat-tieni appellanti. L-ammont tal-multa jaqbeż għaldaqstant il-limitu legali ta' 10 % td-dħul mill-bejgħ tal-impriża mmultata.

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

---

**Appell ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2019 minn CCPL - Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-11 ta' Lulju 2019 fil-Kawża T-522/15, CCPL et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-706/19 P)**

(2019/C 383/63)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### **Partijiet**

*Appellanti:* CCPL - Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA, Coopbox Eastern s.r.o. (rappreżentanti: S. Bariatti, E. Cucchiara, A. Cutrupi, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

— tannulla parzjalment, fil-limiti speċifikati f'dan l-appell, is-sentenza appellata u, għaldaqstant, tannulla d-deċizzjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-multi imposti fuq l-appellanti għal ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 <sup>(1)</sup>, kif ukoll tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' adegwatezza;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-aggravju, l-appellanti jinvokaw l-aggravji li ġejjin:

1. L-ewwel aggravju – Żball ta' liġi, motivazzjoni assenti jew insuffiċjenti fir-rigward tal-ilmenti marbuta mar-“responsabbiltà tal-kumpannija omm”

Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi u b'assenza jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni sa fejn il-Qorti Ġenerali ammettiet ir-responsabbiltà tal-kumpannija holding tal-grupp minkejja li l-kumpannija intermedja, li permezz tagħhom kienu miżmuma l-kumpanniji involuti fil-ksur, tqieset bħala mhux responsabbli.

2. It-tieni aggravju – Żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003

Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi manifest meta ħadhet il-motiv marbut mal-applikazzjoni skorretta tal-limitu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, sa fejn il-Kummissjoni applikat dan il-limitu għal dħul mill-bejgħ differenti mid-dħul mill-bejgħ ikkonsolidat ikkalkolat abbażi tar-regoli ta' konsolidazzjoni kontabbli tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' adegwatezza sa fejn hija rriżervat differenza fit-trattament li ma hijiex aċċettabbli, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ ikkonsolidat previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, għall-fergħat ta' attività li huma s-suġġett ta' waqfien b'mod definittiv, minn naħa, u għal dawk mogħtija b'kera, min-naħa l-oħra, għar-raġuni ta' preżunta differenza f'termini ta' redditu ekonomiku u sostanzjali.

---

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).